250 sena mit-twelid ta' Vincenzo Dimech



Joseph C Camilleri
BA, DEAM, M.Ed(Pl & Mgt)

Din is-sena taħbat il-250 sena mit-twelid ta' wieħed mill-iskulturi ewlenin ta' Malta – Vincenzo Dimech. Dimech ħadem fost l-oħra l-ewwel vara titulari ta' Santa Marija, il-vara li tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Gudja. Vincenzo twieled nhar 29 ta' Ġunju 1768 minn Francesco Dimech (skultur) u martu Siniforosa (xebba Pace). Hu tgħammed l-għada, fil-knisja ta' Porto Salvo u San Dumniku fil-Belt Valletta minn Patri Vincenzo Sinatra li kien patri Dumnikan. Ġie mogħti l-ismijiet ta' Vincentius, Bartholomeus, Fabritius, Pietrus Paulus. L-ewwel passi tiegħu fid-dinja tal-arti għamilhom taħt il-gwida ta' missieru Francesco. Wara t-tgħallim li offrielu missier mar Napli, sewwasew fis-*Scuola della Belle Arte*. Hawn tħarreġ fil-mudellatura. Ta' madwar 38 sena daħħal leħaq professur tal-Arkitettura u Skultura fl-iskola tad-disinn fl-Università ta' Malta. Martu kienet Saveria Mathea de Marco fl-1802. Il-kopja Dimech kellhom tifel, li kien jismu Sigismondo, isem komuni fil-familja Dimech, li sar professur tal-liġi. Hu miet fl-età ta' 62 sena, nhar l-2 ta' Frar, 1831 u ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla. Vincenzo Dimech ħadem tliet tipi ta' xogħol tal-iskultura – vari titulari, vari tal-qaddisin, monumenti u skultura mhux reliġjuża.

Vari titulari

Matul il-karriera tiegħu, Vincenzo Dimech ħadem żewġ vari titulari. Waħda għall-knisja parrokkjali tal-Gudja u l-oħra għall-knisja parrokkjali tal-Furjana. Il-vara tal-Gudja, li kienet lesta fl-1807, saret mill-injam u hija vara monumentali fuq stil barokk, bħall-vari l-oħra li saru, minn skulturi Maltin, qabel din id-data. Victor Caruana jispjega għaliex baqa' jiddomina dan l-istil: "Tajjeb ngħidu li minkejja l-kwalitajiet ta' dawn l-influwenzi artistiċi[1] l-barokk u dak li jirrappreżenta baqa' jappella aktar għall-gosti artistiċi tal-poplu Malti. Dan forsi jidher aktar f'dik li hi l-iskultura figurattiva sagra hekk kif riflessa fil-vari proċessjonali – arti popolari li tirrifletti s-sentimenti artistiċi tal-poplu[2]."

Naraw lill-figura marjana merfugħa fuq is-sħab. L-idea tal-isħab ġejja mill-fatt tal-presenza tat-tliet puttini – tnejn qrib is-sieq il-leminija u wieħed viċin is-sieq ix-xellugija. Il-ħarsa tal-figura marjana tinsab 'l fuq. Hi ħarsa naturali u hija aktar simbolika milli naturali. Il-messaġġ li tagħti din il-ħarsa hija li moħħ Marija tinsab fuq is-sema, fejn hemm Ibinha Ġesù. l-idejn huma xi ftit miftuħa, poża naturali. L-ilwien tal-libsa huwa dak tradizzjonali – il-libsa ta' lewn roża skur waqt il-mantell hu tal-lewn blu. L-ilbsa għandha ċertu moviment li juri l-effett tar-riħ fuq il-figura marjana.

Guido Lanfranco jgħidilna ċar u tond li: "Din kienet l-ewwel statwa titulari ta' Santa Marija. Saret bi flus Dun Masu Zammit...[3]" Ta' min jgħid li waqt li Vincenzo Dimech kien qed jaħdem fuq din il-vara Mariano Gerada (1766-1823) kien qed jaħdem fuq il-vara titulari ta' Ħal Għaxaq. Mariano Gerada ħareġ mit-tradizzjoni Maltija u ħoloq tip ta' vara oħra ta' Santa Marija, dik li tinkludi l-qabar[4].

It-tieni vara titulari ta' Vincenzo Dimech ġiet 4 snin wara – San Publiju. Din il-vara hija wkoll tal-injam u saret f'maħżen fi Furjana, ftit passi 'l bogħod mill-knisja parrokkjali tal-Furjana. Din hi vara ta' stil barokkali. Hi vara mimlija moviment u enerġija. Hawn naraw lil San Publiju liebes l-ilbies episkopali biex jfakkarna li dan il-qaddies kien l-ewwel mexxej spiritwali ta' dawn il-gżejjer. Il-ħarsa tiegħu hija lil hemm mill-iljun li jinsab qribu, lest biex jibda l-martirju. Din hija vara mimlija moviment u hija wkoll vara monumentali.

Ħaġa ġdida f'din il-vara huwa l-pedestall li jagħti fit-tond. Din kienet xi ħaġa ġdida għax-xena maltija tal-iskultura[5]. Fuq żaqq l-iljun Vincenzo Dimech iskulpixxa s-sena V.D. u s-sena 1811. L-ittri V.D. juru l-inizjali tal-iskultur waqt is-sena juri meta l-artist li ħadimha. Kull naha tal-pedistall Vincenzo Dimech ħoloq żewġ figuri ta' anġli żgħar. Kull anġlu għandu s-simbolu tal-martirju[6].

Vari oħra

Vincenzo Dimech ħadem vari oħra. Fost dawn insibu l-vara ta' San Ġużepp li tinsab fil-knisja ta' Santa Liena Birkirkara (1826). Vladimir Cauchi kiteb hekk fuq din il-vara: "L-istatwa ta' San Ġużepp ta' Birkirkara hi unika fix-xorta tagħha għall-fatt li l-qaddies hu liebes qalziet marbut minn fuq iż-żewġ għekiesi flok it-tunika tradizzjonali bħalma nsibu fl-ikonografija tradizzjonali ta' dan il-qaddis[7]." Skont l-opinjoni tiegħi din il-vara hija l-kapolavur ta' dan l-iskultur. Vladimir Cauchi jkompli jikteb: "L-eżekuzzjoni hi waħda dinamika, id-dettall fil-panneġġar, l-irfinezza fl-anatomija, il-moviment tal-istatwa u l-mod ta' kif qed jerfa lil Ġesù Bambin jagħmluha statwa verament ta' livell artistiku għoli[8]." Hu ħadem fuq il-vara ġużeppina taż-Żurrieq (1825). Din il-vara aktarx inbdiet minn Mariano Gerada u tkompliet minn Vincenzo Dimech.

L-istorja tal-vara Ġużeppina taż-Żurrieq

Fit-30 ta' Ġunju 1822 sar kuntratt quddiem in-Nutar Pietru Pawl Farrugia fejn qassis żurrieqi – Dun Ġużepp Spiteri, permezz tal-prokuratur tiegħu l-Kappillan Dun Carlo DeGiovanni Inglott, u l-iskultur Mariano Gerada ftehmu li l-iskultur jiskolpi fl-injam vara li tkun tista' tintrefa' f'purċissjoni ta' San Ġużepp. Din il-vara kellha tkun skont l-abbozz illi l-istess skultur kien ħejaj qabel. Din il-vara kellha tiswa 500 skud. Ix-xogħol kellu jkun lest qabel il-festa ġużeppina tas-sena 1823. Fl-24 ta' Jannar Mariano Gerada ħalliena bla ma lesta din il-vara. Dun Ġużepp Spiteri wkoll miet fl-istess sena. fit-13 t'April 1823 sar ftehmin notarili fejn il-prokuratur tal-Knisja żurrieqija Dun Franġisk Bonnici (li kien il-werriet ta' Dun Ġużepp Spitieri), u Antonio Gerada, bħala prelegatarju ta' z-ziju tiegħu Mariano Gerada dwar il-kummissjoni tal-vara. Il-prokuratur kellu jħallas lil Antonio Gerada s-somam ta' 20 skud bħala kumpens għax-xogħol li kien laħaq beda zijuh. Antonio Gerada żamm id-dritt fuq l-injam li kien imħejji għall-vara. Kemm leħaq għamel Gerada xogħol fuq il-vara ma nafux. Li nafu li l-vara waslet iż-Żurrieq fl-14 ta' Marzu 1824[9].

Din il-vara Ġużeppina għandha ħaġa li meta taraha ċertament ser tibqa' fil-memorja tiegħek – il-ħarsa paterna ta' San Ġużepp lejn il-Bambin Ġesù. Skont l-idea tiegħi, billi dawn iż-żewġ San Ġużeppijiet għandhom xebħ kbir, aktarx li Mariano Gerada ħadem ftit fuq din il-vara. L-aktar li tidher hija d-daqqa ta' Vincenzo Dimech. Matul iż-żmien din il-vara rajt xi tibdil. Fl-1926 sar xi tibdul fuq in-naħa ta' isfel tal-paneġġ[10] kif ukoll il-bastun bil-ġilju hu xi ħaġa żejda fil-vara. Dan żied fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin[11].

Għall-Gudja ħadem Aċċjomu u għas-santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta ħadem il-vara ta' Beatu Franku. Għar-rotunda tal-Mosta ħadem il-figuri tal-Magħmudija ta' Kristu (1806).

Xogħol importanti ta' Vincenzo Dimech hu l-figuri tal-Mgħamudija ta' Kristu. Dan ix-xogħol li hu fl-injam kien sar għall-knisja parrokkjali l-qadima tal-Mosta. Meta nbniet ir-Rotunda ħadu dan ix-xogħol f'din il-knisja ġdida, iżda kienu ħallew barra x-xbieha tal-Ispirtu s-Santu kif ukoll xi erba' puttini. Dan ix-xogħol kien qam madwar 270 skud. Xogħol ieħor ta' Vincenzo Dimech hu l-iskultura fil-ġebla Maltija tal-istatwa ta' Mosè tal-*lavabo* tal-Bażilika Elenjana f'Birkirkara[12].

Xogħol ċivili

Il-ħila ta' Vincenzo Dimech ġiet innutata mill-mexxejja Ingliżi ta' Malta. Il-gvern Ingliż ried jagħti qima lil Sir Alexander Ball. Il-bini ta' dan il-monument sar fuq id-disinn ta' Giorgio Pullicino, li kien sieħeb Vincenzo Dimech fl-Università. Vincenzo ħadem il-figuri tal-franka li juru l-Gwerra, il-Prudenza, il-Ġustizzja u l-Immortalità. Il-gvern Ingliż ried iwassal il-messaġġ lill-poplu Malti li Malta kienet f'idejn l-Ingliżi. Kull fejn tara fil-Belt Valletta beda jpoġġi l-arma irjali Ingliża. Ħafna minn dawn l-armi saru mill-skarpell ta' Vincenzo Dimech, bħal l-arma ta' fuq il-*Main Guard,* l-arma li hemm f'waħda mill-btieħi tal-palazz, l-arma fuq il-bieb tal-Università, l-arma fuq il-Bieb Victoria (magħruf ukoll bħala *Porta Marina)* u fuq il-bieb ta' Purtijal (illum hemm fetħa minfloku).

Il-gvern Ingliż kiseb il-ħarsien ta' xi gżejjer Griegi. Fost dawn kien hemm il-gżira ta' Korfu. Fl-1819 beda x-xogħol fuq palazz fuq din il-gżira,

mibni bil-ġebel tal-franka. Kien ħadu minn Malta, ħaddiema Maltin biex jibnu dan il-bini. L-iskultura ta' din il-binja kienet saret minn tliet min-nies, Vicenzo Dimech, il-kuġin tiegħu Francesco Dimech u skultur Grieg – Paulos Prossolentis. Il-palazz għandu disinn ta' Kurunell Whitmore.

Fl-1824, f'Malta kienet saret kompetizzjoni għall-aħjar disinn għall-monument tal-Imħallef Sir Joseph Nicholas Zammit. Dan il-monument kellu jitpoġġa fil-Barakka ta' Fuq. Din kienet aktarx l-ewwel kompetizzjoni għal xi ħaġa artistika li kienet ser tippoġġa fil-pubbliku. Vincenzo Dimech rebaħ din il-kompetizzjoni. Hu ħoloq il-figura tal-Imħallef bilqiegħda fuq putruna, li kienet tistrieħ fuq pedestall twil. Fil-parti t'isfel poġġa żewġ figuri tal-iljuni. Dan il-figuri saru mill-iskarpell tal-kuġin tiegħu – Francesco. Dan il-monument hu konsiderat bħala wieħed mill-aħjar xogħlijiet li ħarġu minn id Vincenzo Dimech.

Tliet statwi tal-ġebel

Vincenzo Dimech għamel tliet statwi tal-ġebel. Waħda minnhom hi l-istatwa tal-ġebel li tinsab fil-misraħ ewlieni ta' Marsaxlokk – Pjazza Madonna ta' Pompei. Din l-istatwa turi lil Sant'Andrija. Din l-istatwa saret fl-1791. Hawn naraw lill-qaddis jistrieħ fuq is-salib forma tal-ittra X. Fuq ras il-qaddis hemm dijadema tal-metall. L-istatwa tinsab fuq pedestal u għandu lampa quddiemu. L-isqof Vincenzo Labini li ta 40 jum indulġenza għal min jgħid talba quddiem din l-istatwa[13]. Statwa oħra tal-ġebel hu dak ta' Sant'Elija. Din l-istatwa tinsab fil-Wiesgħa ta' Santa Tereża f'Bormla. Il-figura qed tistrieħ fuq il-blat. Din xogħol tas-sena 1818 u l-istil tagħha hu dak tal-barokk. Naraw il-qaddies qed iżomm xabla tan-nar b'id ix-xellugija. Ħdejn Sant'Elija hemm rota tan-nar taqbat. L-aktar ħaġa impressjonati hu l-effett tar-riħ fuq id-daqna u x-xahar. Ta' min jgħid li dan il-qaddis hu l-patrun sew tal-patrijiet Karmelitani u sew tal-baħħara. Monsinjur Fernando Mattei, kien ta indulgenza għal min jgħid talba quddiem din l-istatwa[14].

Statwa oħra importanti hi dik li turi l-Madonna u l-Bambin. Din tinsab fil-pjazza ewlenija tal-Isla u fuq il-pedestall hemm il-kliem *Causa Nostra Laetitae*. Din l-istatwa ġiet ordnata biex tfakkar il-protezzjoni li kisbet l-Isla matul il-pesta tal-1813. L-istatwa ġiet imħallsa minn Salkvatore Debarro. Għall-ewwel din l-istatwa poġġiet fuq ir-reservoir li kien fit-Triq Vittorja fl-Isla. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, jiġifieri wara l-1955 l-istatwa sabet ruħa fis-'salott' tal-Isla – Misraħ l-4 ta' Settembru[15].

L-importanza ta' Vincenzo Dimech

Meta tqis ix-xogħol li tella' Vincenzo Dimech u tinkonsidra ukoll li fuq ix-xena Maltija kien hemm bosta skulturi jaħdmu, wieħed jista' jinkludi, li dan l-iskultur kien wieħed mill-aqwa skulturi ta' żmienu. Ma' Vincenzo Dimech kien hemm Mariano Gerada (1766-1823) bħala kompetitur ewlieni kif ukoll Antonio Chircop (1798-1869). Maż-żmien bdew deħlin fix-xena l-istudenti ta' Mariano Gerada – Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), Xandru Farrugia (1791-1871) u Salvu Psaila (1798-1866). Il-kompetizzjoni għal xi biċċa xogħol kompliet tiħraxx bid-daħla fuq ix-xena ta' Guħeppi Vella (1802-1866). Vladimir Cauchi kiteb: "F'dan il-qasam, insibu li fl-ewwel snin tas-seklu dsatax l-aktar żewġ skulturi prominenti kienu Vincenzo Dimech u Mariano Girada (1766-1823), li kien għadu kemm irritorna Malta minn Spanja fl-1796[16]." Vladimir ikompli jikkumenta: " ...it-tnejn li huma għamlu użu mill-istil barokk għalkemm kemm Dimech u kemm Girada addattaw it-timbru tagħhom fix-xbihat li sawwru[17]."

Barra n-numru tal-iskulturi li kien hawn, kien hemm il-fattur li Vincenzo Dimech ħadem sew għall-knejjes u sew għall-gvern Ingliż. Tant kemm għoġbu lill-gvern Ingliż li dan ta x-xogħol tal-iskultura tad-disinji li kellhom iżejnu l-palazz ta' Korfu sew minn ġewwa u sew minn barra.

Referenzi

[1] F'dawk iż-żminijiet bdew jidħlu f'Malta dawn l-istil fl-arti – Neo-klassiċiżmu, il-moviment tan-Nazzareni u l-Puristi u Romantiċiżmu.

[2] Cauchi V., op cit, p 59.

[3] Lanfranco G., L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom, Klabb Kotba Maltin, 1999, p 13.

[4] Lanfranco G., L-istatwi titulari ... op cit, p 13.

[5] Lanfranco G., L-istatwi titulari ... op cit, p 12.

[6] Grech J., Vari ta' Malta u Għawdex, P.E.G. Ltd, San Ġwann1998, p 31.

[7] Cauchi V., Il-proċess ta' restawr u konservazzjoni fuq l-istatwa artistika ta' San Ġużepp meqjum fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'elena f'Birkirkara, Programm tal-festa solenni f'ġieħ Sant'Elena Imperatriċi Awgusta, Festa 2016, p 43.

[8] Op cit, p 43.

[9] Camilleri A., L-istatwa ta' San Ġużepp taqgħlaq 190 sena, Madonna tal-Karmnu, Żurrieq, Festa 2014, p 280.

[10] Camilleri A., op cit, p 282.

[11] Camilleri A., op cit, p 282.

[12] Cauchi V., Il-proċess ta' restawr u konservazzjoni fuq l-istatwa artistika ta' San ġużepp meqjum fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara. Programm tal-festa solenni f'ġieħ Sant'Elena Imperatriċi Awgusta, Festa 2016, p 43.

[13] Ara n-*National inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands, number 1748, 23-ix-2013.*

[14] Ara *n-National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands, number 673, 27-viii-2012.*

[15] Ara *n-National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands, number 691, 27-viii-2012.*

[16] Carauana V., Il-vari ta' Santa Liena u San Ġużepp fil-Kolleġġjata Bażilika ta' Birkirkara, Programm tal-festa solenni f'ġieħ Sant'Elena Imperatriċi Awgusta, Festa 2016, p 59.

[17] Caruana V., op cit, p 59.